31992R2087

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2087/92 tat-22 ta' Lulju 1992 dwar il-klassifika ta' ċerta merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], kif l-aħħar modifikata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1039/92 [2], u b'mod partikolari fl-Artikolu 9 tiegħu,

Billi sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifika tal-merkanzija msemmija fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali sabiex tiġi interpretata n-Nomenklatura Magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija fl-intier tagħha jew f'parti minnha msejsa fuqha jew li żżid xi suddiviżjonijiet addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'disposizzjonijiet speċifiċi Komunitarji, bil-ħsieb li jiġu applikati l-miżuri tariffarji jew miżuri oħra li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ fil-merkanzija;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, il-merkanzija deskritta fil-kolonna 1 tat-tabella annessa mar-Regolament preżenti għandha tiġi kklassifikata skond il-kodiċijiet approprijati tan-NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet indikati fil-kolonna 3;

Billi d-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat tan-Nomenklatura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-merkanzija deskritta fil-kolonna 1 fit-tabella annessa għandha tiġi kklasifikata fin- Nomenklatura Magħquda tal-kodiċijiet. Il-Kodiċijet indikati fil-Kolonna 2 ta' l-istess tabella.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fit-22 ta' Lulju 1992.

Għall-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, pġ.1.
[2] ĠU L 110, tat-28.4.1992, pġ.42.

ANNESS

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kodiċi tal-Klassifika tan-NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Artikolu fil-forma ta' annimali (żwiemel u ċriev) magħmula mill-plastik miksi b'saff ta' ġiżż inkullat.	3926 40 00	Il-klassifika tiġi determinata bid-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1,3 (b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda kif ukoll bil-kliem tal-Kodiċi NM 3926 u 3926 40 00.
2. Travi tal-Ballut fil-biċċa l-kbira mixquqa, b'tul ta' 255 sa 260ċm, wisa' ta' 26 sa 28ċm u ħxuna ta' 15 sa 17ċm, sempliċement issegati f'kull wiċċ mhux kulmati u mhux imtaqqba.Il-forma u d-dimensjonijiet jikkorrispondu għal dawk li hemm fl-avviż Nru 863 ta' l-Unjoni Internazzjonali tal-Ferroviji (UIC) (*).	4406 10 00	Il-Klassifika hi stabbilita bid-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda kif ukoll il-kliem tal-Kodiċijiet NM 4406 u 4406 10 00.
3. Pubblikazzjoni li fiha informazzjoni dwar kastelli fil-Belġju, fil-Lussemburgu, fl-Olanda kif ukoll il-possibbiltajiet biex jiġu viżitati biex isir fihom riċevimenti, konferenzi, kif ukoll għall-hotels, ristoranti, appartamenti, korsi tal-golf u attrazzjonijiet turistiċi. Il-pubblikazzjoni tinkludi mapep sempliċi li juri fejn qegħdin il-kastelli.	4911 10 00	Il-Klassifikazzjoni hija stabbilita bid-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 sa 6 għall-interpretazzjoni tan- Nomenklatura Magħquda, in-nota 5 tal-kapitolu 49 u il-kliem tal-koiċijiet NM 4911 u 4911 10 00.
4. Settijiet magħmula minn arloġġ tal-logħob ta' materja plastika li jista' jintuża bħala mejda għall-kitba wara li jitneħħa l-kwadrant bi kwadrant fiss tal-kartun, gomma tal-logħob u pinna tal-feltru.	9503 90 31	Il-Klassifika hija stabbilita bid-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1, 3 (b) u 6 għall-interpretazzjoni tan- Nomenklatura Magħquda bin-nota 1 (1) tal-kapitolu 96 kif ukoll bil-kliem tal-kodiċijiet NM 9503, 9503 90, 9503 90 31.
5. Forom ta' materja plastika biex timmudella l-plastisin magħrufa bħala "cookie cutters" maħsuba l-iktar biex jiġu użati fil-logħob mit-tfal biex jiffurmaw personaġġi Disney li tagħhom għandhom il-forma.	9503 90 31	Il-Klassifika tiġI stabbilita mid-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 sa 6 għall-interpretazzjoni tan- Nomenklatura Magħquda bin-nota 2 (u) tal-kapitoli 39 kif ukoll bil-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 9503, 9503 90 u 9503 90 31.
6. Blalen li jintnefħu għal fuq ix-xtajta ta' materja plastika saldata biż-żennuna.	9503 90 31	Il-Klassifika hija stabbilita mid-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 sa 6 għall-interpretazzjoni tan-NM, kif ukoll bil-kliem tal-Kodiċijiet NM 9503, 9503 90 u 9503 90 31. Dawn il-blalen ma jistgħux jiġu kklassifikati fil-posizzjoni 9506 minħabba l-konsistenza u r-resistenza mnaqqsa għad-daqqiet.
7. Kamp tal-logħob maħsub biex jużawh it-tfal, ġod-dar jew barra li jikkonsistu minn biċċa drapp tan-najlon bħala għatu, qafas tabulari fi plastika u msiemer żgħar tal-metal maħsuba biex jorbtu l-kamp ma' l-art meta utilizzat barra.	9503 90 37	Il-Klassifika hija stabbilita bid-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1, 3 (d) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Maqgħuda bin-nota 1 (t) tas-sezzjoni XI u mill-kliem tal-Kodiċijiet NM 9503, 9503 90 u 9503 90 37. Minħabba fid-daqs (bejn wieħed u ieħor għoli ta' 110ċm u tul ta' 125ċm meta l-kamp ikun imwaqqaf) u l-mod kif inhu fabbrikat (b'mod partikolari n-nuqqas ta' ventijiet) ma jistax jitqies bħala kamp jew artikolu tal-camping fis-sens tan-nota 1 (u) tal-kapitolu 95.

(*) Union Internationale des Chemins de fer.